# UFFIĊĊJU STAMPA

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

8 ta' Lulju, 2009
TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. TABONE O.P.
REF : 78/2009

**L-Arcisqof fl-Art Mqaddsa**

**F'Pellegrinagg maz-Zghazagh Maltin**

## It-Tieni Jum

L-Arcisqof Pawlu Cremona O.P. , fliemkien mal-168 pellegrini Maltin fl-Art Mqaddsa, zaru x-Xmara Gordan fejn Gwanni l-Battista kien ighammed. L-Arcisqof sawwab l-ilma fuq ir-ras ta' dawk prezenti b'tifkira tal-maghmudija u lkoll geddew il-weghdiet taghhom tal-maghhmudija.

Illum kien it-tieni jum tal-pellegrinagg fl-Art Imqaddsa u l-ahhar jum fil-Galilija hekk kif ghada l-kontingent immexxi mill-Arcisqof Cremona jinzel lejn dik li kienet maghhrufa bhala l-Lhudija.

It-tieni gurnata ukoll kellha l-impronta tad-dimensjoni personali ta' din il-mixja ta' fidi. Fl-omelija tieghu fis-santwarju li hemm fuq il-post fejn l-arkeologija uriet li x'aktarx kien hemm id-dar ta' Pietru f'Kafarnaum, l-Arcisqof ddeskriva lil Pietru bhala ezempju li Alla ma jaghzilx nies perfetti. Anzi, Pietru, li nizel gharkubtejh quddiem Kristu jitolbu jersaq il-boghod ghaliex huwa midneb, Alla ghazlu biex ikun sajjied tal-bnedmin. Alla, aktar milli jinteressah f'xiex inti kapaci taghmel, jinteressah f'xiex se nhalluh jaghmel bina", huwa qal waqt li appellla liz-zghazagh biex "nersqu quddiemu wiccna mimlija li ahna midinbin, izda naghtuh il-permess li jahdem bina".

L-Arcisqof fakkar ukoll li waqt li Pietru cahdu tlett darbiet, Kristu wiegbu mhux billi hada kontrih, izda billi staqsih jekk ihobbux. Irridu naccettaw il-fatt li l-logika tal-Mulej mhix il-logika taghna. Huwa fisser li difett iehor ta' Pietru kien li jrid lil-Mulej ikun kif irridu hu, ma riedux ibati u lanqas jahsillu riglejh. Spiss, irrimarka l-Arcisqof, ahna wkoll naghmlu l-istess u awgura liz-zghazagh prezenti biex "ma naghzlux bicciet minn Alla", anzi meta nduqu l-esperjenza tad-dnub jew ix-xejn taghna, niftakru fl-esperjenza ta' Pietru u niftakru fl-

imhabba ta’ Alla, li tisboq kull esperjenza umana.... u nfittxu li napplikaw il-logika tal-Mulej fil-hajja taghna!

Jirraporta Stefan Cachia mill-Art Mqaddsa.